KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tas-sitta u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis, 17 ta' Novembru, 2011 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Abela | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u messaggi mis-Sindku

   - Laqgha mal-kap tal-Iskola Primarja Ghajnsielem rigward l-madum tal-entratura tal-iskola. Ghal-din il-laqgha kien hemm prezenti ukoll il-Kav. Frank Gatt, l-*acting* Madam, l-assistent kap is-Sur Joseph Refalo u rapprezentant mill-Kunsill Skolastiku. Is-Sindku spjega li s-sur Gatt u l-*acting* Madam gibdulu l-attenzjoni li l-madum tal-passagg ghall-iskola kien jizloq meta taghmel ix-xita. F'din il-laqgha, is-sindku spjega li meta l-Kunsill kien hareg it-tender tal-madum kien hemm indikat car fl-*ispecifications* li l-madum ta' barra ried ikun ta' *grade 11* li ma jizloqx u li ghalhekk il-Kunsill talab lill kuntrattur certifikat ta' dan il-madum. Is-Sindku qal li sa din il-gurnata il-kuntrattur kien ghadu ma gabx dan ic-certifikat u hawnhekk il-Kunsill qabel li jerga jinforma lill-kuntrattur biex igib ic-certifikat fl-iqsar zmien possibli peress li hemm il-periklu ghat-tfal involut.

   - Skema ghal-manutenzjoni tal-playingfields – is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif sal-gimgha d-diehla trid tibghat stima tal-ispejjez tat-tibdil li l-Kunsill jixtieq jaghmel fil-Playing Fields tar-rahal. Ser jitqabbad engineer biex ihejji rapport fuq iz-zewg Playing Fields fejn jindika t-tibdil li jrid isir u jsib xi mudelli li jkunu ideali ghal-post, biex b'hekk ikun hemm idea ta' l-ispejjez li jridu jsiru. Jekk it-talba ghal fondi ta' manutenzjoni f' dawn il-Playing Fields tintlaqa mid-Dipartiment, dawn ix-xogholijiet ikunu jistghu jsiru.

   - Laqgha mas-Supretendent gdid Simon Galea rigward l-ghassa tar-rahal. Is-Sindku qal li huwa ltaqa mieghu fuq il-post u fejn ittiehdu xi rittratti ttal-ghassa l-gdida. Dawn ser jaddu ghand il-Kummissarju tal-Pulizija biex wara jkun jista jigi ffurmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-Pulizija, sabiex l-ghassa tibda topera minnufih.

- L-Ghajn tal-Hasselin – is-Sindku kellem lis-Sur Salvu Camilleri li kien *foreman* mal-Gvern, fuq suggeriment tas-sur Joe Camilleri biex jara jekk dan kienx hadem meta tnehhiet l-Ghajn. Is-Sindku qal li s-sur Camilleri qallu li dak iz-zmien li tnehhiet l-Ghajn kien ghadu *timekeeper* u mhux *foreman*, u ghalhekk ma ghandu l-ebda informazzjoni.

- Laqgha il-MEPA rigward l-applikazzjoni tar-*recreational park* f'Ta Passi – attendew ghal-din il-laqgha, is-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv, il-perit Edward Scerri, is-sinjura Claire Xuereb mill-MGOZ, Is-Sur Lawrence Vassallo mill-MEPA, is-sur Silvio Farrugia Ass. Direttur fil-MEPA, u zewg raprezentanti fuq l-Ambjent fi hdan il-MEPA. Is-Sindku qal li f' din il-laqgha, is-Sur Silvio Farrugia ta ftit direzzjoni fuq kif nistghu naghmlu l-amenda tal-applikazzjoni. Il-pass li jmiss huwa li tintalab li issir revizjoni fuq l-kontribuzzjoni li trid tithallas fuq din l-applikazzjoni, u isiru xi emendi fil-pjanti kif gie ssuggerit f'din il-laghqa.

- Rigward id-DNO fuq Bethlehem f'Ghajnsielem 2011-2012, il-permess ghadu ma giex approvat mil-MEPA. Is-Sindku qal li f'din il-laghqa gejna infurmati li l-permess ta' dan id-DNO kellu johrog dalwaqt u l-MEPA ghandha taghmel amenda gdida fil-*polices* biex progetti bhal dan fuq art ODZ jinghatw ic-cans li jaghmlu l-progett u jnehhuh fiz-zmien 3 xhur u mhux fiz-zmien xahar kif kien qabel.

- Laqgha mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali – is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghamlu laqgha mad-direttur tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Carmel Abela biex dan jintervjeni sabiex jithaffef il-process tal-*accessibility audit* mill-KNPD fuq ic-Centru Civiku. B'hekk il-Kunsill jkun jista japplika ghal-*Compliance Certificate* fil-MEPA.

- Grada fil-Pjazza Madonna tal-Loreto – dahal xi ilment li hemm grada perikoluza hafna f'din it-triq. Is-Sindku informa lil-prezenti li din ser tinbidel u issir wahda gdida. Ix-xoghol ser isir mil-haddiema tas-CMU pero l-ispejjez tal-hadid ihallashom il-Kunsill. Kullhadd qabel ma dan.

- Invit mis-sur Lelio Spiteri ghal-programm fuq ir-Radju Lauretana – dan il-programm ser ikun kull nhar ta' Tlieta, mit-13 ta' Dicembru bejn is-7.00 pm u s-7.30 pm, fejn il-programm ser ikun fuq mistoqsija u twegiba. Invit lis-Sindku fuq programm ta' darba nhar il-15 ta' Dicembru bejn 11.00 am u 12.00 pm. F'dan il-programm ser ikun mistieden ukoll il-perit tal-Kunsill Edward Scerri.

- IL-Kunsill approva, bhal ma ghamlu Kunsilli ohra f'Ghawdex, biex jaghti kontribuzzjoni ta' €50 kull student (€150 total) li ser jattendi ghal-gita skolastika fi-Brussel.

4. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sindku spjega kif il-Kunsill ikkuntatja lil-Avukat Tatiene Cassar mill-Ministeru ghal-Ghawdex, fejn gharrafa li l-Kunsill iddecieda li qed jaghti *deadline sa* l-ahhar l-Ottubru, 2011 biex l-Arcipriet jissottometti l-kuntratt li juri t-titolu tal-art tal-pjazza. L-avukata Cassar

ikkuntatjat lis-Segretarju Ezekuttiv fejn spjegat li wara diversi attentivi bl-email u telephone biex l-Arcipriet jgib dawn id-dokumenti, dan sal-gurnata tal-lum baqa ma rrisponda l-ebda e-mail, u l-ebda telefonata. Is-Sindku qal li peress li l-Arcipriet jumejn qabel il-laghqa kien irrezenja fuq kwestjoni tal-*ground* tal-*football,* kien ikun ahjar ghalissa li l-Kunsill ma johrog l-ebda stqarrija ghax issa s-sitwazzjoni giet aktar ikkumplikata.

Is-sur Stephen Mercieca irrakkonta kif huwa kien mar ikellem lil-Arcipriet fejn dan ta' l-ahhar qallu li ma qabilx mal-punt li l-Kunsill talab li jkun jista jtellgha attivitajiet simili t'Ghajnsielem Fest fuq il-Pjazza. Is-Sindku qal li l-Arcipriet messu rrisponda lill-avukata jekk dan kien il-punt li ma setax jaccetta u mhux baqa ma ta l-ebda informazzjoni lill-hadd..

Is-sur Joe Camilleri issuggerixxa li tinkiteb ittra lil-Kurja fejn tghid li kien sar qbil bejn il-knisja, Ministeru u l-Kunsill, fejn dan il-qbil ma giex onorat min nahha tal-Knisja ghaliex l-Arcipriet ma kienx qed jikkopera biex igib id-dokumenti mehtiega tal-Pjazza lill-avukata tal-Ministeru. Din l-ittra ghandha taghti cans ta' gimgha biex l-Isqof jirrispondi. Il-prezenti qablu ma dan is-suggeriment. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk l-isqof ma jirrispondix din l-ittra, il-Kunsill ser johrog l-istqarrija lill-poplu Ghajnselmiz, u juri l-fatti kollha li graw fuq il-kwistjoni tal-pjazza ghal dawn l-ahhar 4 snin u nofs.

Is-sur Mercieca issuggerixxa li jerga jsir djalogu mal-Arcipriet. Is-Sur Peter Caruana qal li din ma tistax issir ghaliex l-Arcipiet jidher li rrezenja.

Is-Sindku kompla jghid kif wara l-laqgha precidenti, kif kien miftihem saru xi ricerki fuq il-Pjazza minn naha tal-Kunsill fuq kull kuntratt bejn l-Arcipriet Espedito Tabone u l-Gvern bejn is-sena 1961 sas-sena 1984. Is-Sindku qal li rrizulta li ma kien hemm l-ebda kuntratt bejn il-Mons u l-gvern fuq il-Pjazza. Fuq parir tal-Public Registry, saret ricerka ohra, din id-darba bejn il-Knisja Parrokkjali t'Ghajnsielem u l-Gvern fuq l-istess perjodu, izda ghal darba ohra din it-tfixxija ma rrizultat fl-ebda kuntratt tal-pjazza. Is-Sindku talab ukoll lil-ufficcju tal-MRRA-PDE (Works Department, f'Malta), biex jaghmlu ricerka fuq il-Pjazza t'Ghajnsielem pero kien ghad m'ircieva l-ebda risposta fuq dan.

Is-sur Larry Buttigieg spjega kif kemm ilu dan il-Kunsill, il-pjazza dejjem kienet fil-priorita tal-Kunsill li ssir, u dan il-Kunsill dejjem gie ikkritikat mill-poplu fuq dan il-punt. Huwa qal li wasal il-waqt li l-poplu hemm barra ghandu jkun jaf x'inhu jigri. Il-prezenti qablu ma dan. Hawn is-Sindku qabel mas-Sur Buttigieg u qal li issa wasal iz-zmien li din il-kwistjoni tinqata` darba ghal dejjem.

5. Ftuh ufficcjali Bethlehem f'Ghajnsielem

Il-Prim Ministru ikkonferma li ser jattendi ghal-ftuh nhar il-Hadd, 11 ta' Dicembru mill-4.30pm sas 6.00pm. Is-Sindku spjega kif din is-sena ser jizdiedu ukoll aktar granet ghal-animazzjoni tal-Presepju Haj biex il-pubbliku ikun jista jgawdih aktar.

Is-Sindku irrakkonta ukoll kif l-ufficcju tal-Kunsill gie avvicinat mid-Dar Santa Marta biex ikunu jistghu jarmaw b'xi *crafts* nhar ta' Sibt u Hadd f'Bethlehem f'Ghajnsielem. Il-Kunsill m' approvax li jsir dan, biex ma jinholoqx precident.

Il-Kunsill qabel li din is-sena wkoll ma jinghatawx permessi ghal-*stalks* u *kiosks* fir-rahal t'Ghajnsielem tul Bethlehem f'Ghajnsielem.

Din is-sena, il-Kunsill qabel li jistieden lill-Ecc. Tieghu Isqof Mario Grech biex ibierek Bethlehem f'Ghajnsielem.

Il-kunsill qabel li kiri ftit festuni u dwal tal-Milied bhas-snin l-imghoddija fi Pjazzetta 10 ta' Dicembru. Din is-sena, fuq suggeriment ta' Fra Lorry Zerafa, il-Kunsill approva ukoll li jsir xi ftit tizjin hdejn il-Knisja tal-Patrijiet.

Il-Programm fuq TVM, Venere talbu lil Kunsill biex issir xi *photo shoot* f'Bethlehem f'Ghajnsielem nhar l-4 ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-Kunsill qabel li jerga jqabbad lis-Sur Awrelio Bugeja biex jiehu hsieb is-*sound* f'Bethlehem f'Ghajnsielem.

Open day – Fl-20 ta' Novembru ser issir *open day* f'Bethlehem f'Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel li jarma *bouncy castle* dak inhar ghat-tfal.

Assistenza tal-ERRC – tul ix-xahar ta' Dicembru, volontarji mill-ERRC , kif ukoll l-ambulanza ser ikunu prezenti kull darba li jkun animat il-presepju ghal li jista jinqala. Il-kunsill qabel li jhallas is-somma ta' €800 biex isir dan kif ukoll li jiehdu hsieb jghamlu kors fuq *food handling* lill-persuni li ser jiehdu hsieb l-ikel. Is-sur Larry Buttigieg issuggerixxa li jerga jsir kors iehor fuq Fire fighting ghal-volontarji li jahdmu fil-presepju. Is-Sur Buttigieg kompla jghid li l-ERRC jiehdu €30 ghal kull persuna li jattendi dan il-kors. Il-prezenti qablu li dan il-kors ghandu jsir.

6. Lokalitajiet Sostenibli

Il-materjal ta' dan ir-rapport gie moghti lil-Kunsill mil-kumpanija kif kien miftiehem fl-ewwel gimgha ta' Novembru. Is-Sindku spjega kif dan ir-rapport gie jiswa €15,222 izda flus allokati ghal dan il-progett huma ta' €20, 000. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lid-Dipartiment biex bil-bqija tal-flus tiprintja kopja tal-Pjan t'Azzojoni ghal-kull familja fir-rahal u jigi mqassam bil-posta. Id-dipartiment accetta li jintuzaw dan il-flus biex jigu printjati dan il-Pjan t'Azzjoni.

Is-Sindku qal ukoll li jkun xieraq li issa jigi prezentat ufficjalment lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said xi darba fix-xahar ta' Dicembru. Kulhadd qabel ma dan.

7. Gimgha t'Ghajnsielem

- Prezentazzjoni tar-rapport Lokalitajiet Sostenibbli. Data tiddependi mill-Onor Chris Said
- Zjara lil-Morda f'Ghajnsielem – it-Tnejn, 5 ta' Dicembru
- Prezentazzjoni ta' Gieh Ghajnselmiz – Gimgha 2 ta' Dicembru
- Ftuh ufficcjali ta' Bethlehem f'Ghajnsielem – Hadd 11 ta' Dicembru
- Finali tal-kompetizzjoni l-*isnooker* – Gimgha 9 ta' Dicembru

8. Premju Gieh Ghajnsielem

Nominazzjonijiet:

Francis Cauchi – Is-Sur Micheal Grima, is-sangristan

Stephen Mercieca – Fra Lorry Zerafa

Joseph Camilleri – Fra Lorry Zerafa

Larry Buttigieg – Is-Sur Joe Rapa

Peter Caruana – Is-Sur Joe Rapa

Il-Kunsill qabel li din is-sena Gieh Ghajnsielem jinghata lis-Sur Joe Rapa. Saret diskussjoni bejn il-prezenti, fejn ghal din is-sena l-prezentazzjoni ta' Gieh Ghajsielem ghandha issir l-Grand Hotel, fejn wara l-prezentazzjoni ikun hemm xi ftit refreshments.

L-inivit ghal-din is-serata ser ikunu ghal-president u segretarju tal-Banda San Guzepp, Ghajnsielem Football Club, Knisja Parrokjali Ghajnsielem, Patrijiet Frangiskiani, Fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem.

Is-serata tigi pprezentata mis-Sinjorina Daphne Xuereb, u ikun hemm xi zewg kanzunetti mil-ahwa Loredana u Albert Lauren Aguis.

9. *Roof Panels* ghal-Bethlehem f'Ghajnsielem

Is-segretarju ezekuttiv informat lil-prezenti li t-Tender ghal-provista ta' roof panels li giet sottometta mill-kumpanija J. Caruana trid tigi skwalifikata peress li hemm xi dokumenti important neqsin. Il-kunsill qabel ma dan.

10. Materji Ohra

Stephen Mercieca

- staqsa jekk ircivejniex risposta fuq l-ittra rigward l-antenna. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondit li ma rcieviet l-ebda twegiba la mil-Go u anqas mill-Vodafone. Is-sur Joe Camilleri saqsa fuq dan is-suggett ukoll.

Joe Camilleri

- Bankijiet tax-xatt l-ahmar – jaqbel mas-suggeriment tas-Sindku li jinqala l-wicc ta' dawn il-bankijiet u jingabar sas-sajf biex ma ssirlux hsara.
- Triq Cordina u Triq il-Bwier – stat dizastruz. Hemm bzonn li titranga s-sitwazzjoni. Is Sindku qal li t-tender tad-drenagg mic-cimiterju sar-residenza ta' Raymond Grech kienet harget pero giet appellata u ghalhekk din it-triq ma tistax issir bit-tarmac ghalissa qabel jinqata dan l-appell.
- Bins fejn ic-cimiterju - ghandhom bzonn li jitbattlu kuljum dan ix-xahar.
- Triq Lourdes – it-Triq ghandha bzonn titkompla ghaliex id-dranagg sar. Staqsa fuq it-tarag ta' Lourdes. Is-Sindku irrisponda li kellu indikazzjoni li t-triq ta' Lourdes ser titkompla dalwaqt u rigward it-tarag ta' Triq Lourdes kien ser jerga jiccekkja mal perit fil-Ministeru ghal Ghawdex.
- Skola primarja – talba ghal-bins. Il-Kunsill qabel li dan m'hux kompitu tieghu.
- Bankina quddiem ic-Centru Sant' Antnin – is-Sindku qal li din ghandha tkun il-progett li jmiss mic-CMU. Is-sur Joe Camilleri talab ukoll biex isiru 3 targiet minflokk 2 li hemm fil-bankina quddiem 75, Triq Sant Antnin, biex issir aktar accessibli. Il-prezenti qablu ma dan.
- Risposta fuq talba ghal-art mill-GPD – ebda risposta
- Water culvert Triq Chambrai u Triq Fawwara – ghadu ma sarx. Is-Sindku spjega li peress li kienu ghadejjin hafna servizzi minn dawn it-toroq kien ikun ahjar li jsir gandott zghir fejn tispicca Triq J.F. De Chambray u l-ilma jmur fil-Pjazzetta 10 ta' Dicembru. Dan ghandu jkun bizzejjed ghal-problema tal-ilma. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Staqsa jekk qatt gbidna l-attenzjoni tal-Wied tal-Mixta lil Eko Gozo - biex jitnaddaf mal-widien li ser isiru mal-progetti tat-tindif tal-wiedien. Il-Kunsill iddecieda li niktbu lis-Sur Anthony Zammit mill-Eko Ghawdex u ngharfuh b'dan il-wied.
- Locality sign – nergghu nigbdu l-attenzjoni lill-HSBC

- Bins fil-pjazza Madonna ta' Loreto – nigbdu l-attenzjoni biex jitnaddfu fil-weekends. Is-Sindku spjega li fil-weekends dawn ma setghux jitnaddfu peress li dawn kienu jnadfuhom il-haddiema tal-Ministeru fejn dawn s-Sibt ma jahdmux imma xorta ser jiccekja mal-MGOZ.

Larry Buttigieg

- Tazzi ghal-finali tal-isnooker – il-Kunsill approva li jixtri dawn bhas-snin l-imghoddija
- Safra tal-Palestina li qed jorganizza is-Sur Joe Mifsud – saqsa x'inhu l-livell ta' kollaborazzjoni li qed jofri l-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li s'issa mhu qed jaghmel xejn.

11. Customer Care

- Is-sur Anthony Attard talab li titwahhal sleeping policeman fi Triq Cordina. Il-kunsill ghal-diversi ragunijiet m'approvax din it-talba.

Il-laqgha ntemmet fit-5.00pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 23 ta' Dicembru, 2011 fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv